# Qorti Kriminali

## Imhallef
## Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

**Att ta' Akkuza 4/2001**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**v.**
**Essam Abubaker Esharif**

Illum 11 ta’ Gunju, 2001

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 4/2001

Semghet, fl-udjenza tas-6 ta’ Gunju, 2001, lil Essam Abubaker Esharif jammetti l-htija tieghu skond l-akkuzi migjuba kontrih fl-imsemmi Att ta’ Akkuza, f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha u, jekk irid, jerga’ lura minnha (u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali);

Tiddikjara lill-imsemmi Essam Abubaker Esharif hati talli assocja ruhhu ma’ persuni ohra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina f’Malta bi ksur tal-ligi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta’ Akkuza; tiddikjarah hati wkoll talli importa, gieghel li tigi mpurtata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mpurtata medicina perikoluza (erojina) f’Malta bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta’ Akkuza; tiddikjarah hati talli kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, taht tali cirkustanzi li juru li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-tielet kap tal-istess Att ta’ Akkuza;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum mill-Avukat tar-Repubblika Dott. Stephen Tonna Lowell dwar l-ammissjoni tal-hati fl-isptar fil-mori ta’ dawn il-proceduri; semghet, ukoll fl-udjenza tal-lum, kemm lill-hati jixhed kif ukoll lil huh Jamal Eddin Esharif; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-ammissjoni tal-hati fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt li malli inqabad bid-droga il-hati mill-ewwel qal lill-pulizija lokali kif u minn fejn, skond hu, kien akkwista dik id-droga (dan il-fatt wahdu, pero`, ma jwassalx ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101); ikkunsidrat ukoll ic-cirkostanza aggravanti li l-hati kien pulizija f’pajjizu, u addirittura kien f’xi zmien inkarigat mill-glieda kontra d-droga;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 12, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(d) tal-Kap. 101; ir-regola 4 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939); u l-Artikoli 11, 17(b)(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lil Essam Abubaker Esharif ghall-piena ta’ tlettax-il (13) sena prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht

arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz qabel id-data ta' l-ammissjoni tieghu (cioe` qabel is-6 ta' Gunju, 2001), kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta' hamsa w ghoxrin elf lira (Lm25,000) (konvertibbli, skond l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali, f'sena prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha, tal-imsemmi Essam Abubaker Esharif, ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta; fl-ahharnett tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur, fi zmien xahar mill-lum, is-somma ta' hames mija u tmintax-il lira, u sitta w hamsin centezmu (Lm518.56c) spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' kull droga li talvolta tinsab ezibita taht l-awtorita`taghha in konnessjoni ma' dan il-kaz, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur tal-Qorti, kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax, permezz ta' nota presentata fi zmien gimgha mill-lum, li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. Ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji tad-distruzzjoni u jinserih fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn tlett gimghat mill-lum.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur